

21998D1008(07)

L 272/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.10.1998

**ID-DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 7/98****tas-6 ta' Marzu 1998**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjonijiet tekniċi) u l-Anness IV (Enerġija) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 87/97 tad-9 ta' Diċembru 1997 (¹);

Billi l-Anness IV għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 87/97 tad-9 ta' Diċembru 1997 (²);

Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 96/89/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 li temenda d-Direttiva 95/12/KE li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KE fir-rigward ta' ittikkettjar ta' l-enerġija ta' makni tal-ħasil tal-ħwejjeġ għal użu fid-djar (³) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

**Artikolu 1**

Li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 4b (Direttiva tal-Kummissjoni 95/12/KE) tal-Kapitolu IV ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“, kif emendat bi:

- **396 L 0089:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/89/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 (ĠU Nru L 338, tat-28.12.1996, p. 85)."

**Artikolu 2**

Li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 11b (Direttiva tal-Kummissjoni 95/12/KE) ta' l-Anness IV għall-Ftehim:

“, kif emendat bi:

- **396 L 0089:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/89/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 (ĠU L 338, tat-28.12.1996, p. 85)."

**Artikolu 3**

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni (KE) Nru 96/89/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

**Artikolu 4**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-7 ta' Marzu 1998, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

(¹) ĠU L 193, tat-9.7.1998, p. 41.

(²) ĠU L 193, tat-9.7.1998, p. 41.

(³) ĠU L 338, tat-28.12.1996, p. 85.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fis-6 ta' Marzu 1998.

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

F. BARBASO

---